MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 2262/2000/1

**Monica mart Richard Schranz u l-istess Richard Schranz**
**ghall interess li jista` jkollu**

**Vs**

**Awtorita` tal-Ippjanar**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi

Billi l-attrici hi impjegata bhala Segretarja tal-Kumissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp mal-Awtorita` konvenuta in forza

ta’ kuntratt indefinit ta’ impjieg datat 1 ta’ Lulju 1994 hawn anness u markat Dok A.

U billi l-Awtorita` konvenuta abusivament u minghajr ebda dritt, peress li jmur kontra dak stipulat fl-imsemmi kuntratt ta’ impjieg, gharrfet lill-attrici, fis-6 ta’ Dicembru 1999, illi riedet tibdel il-kariga tal-attrici ghal “Senior Administrative Assistant” u hatret bhala “Agent Segretarja” terza persuna biex tiehu post l-impjieg tal-attrici bhala Segretarja tal-Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp.

U billi l-attrici giet kostretta mill-Awtorita` konvenuta taghmel xogjhol li mhuwiex konfacenti mal-grad taghha kif stipulat fl-imsemmi kuntratt ta’ impjieg.

U billi dan l-agir abusiv u illegali da parti tal-Awtorita` konvenuta jammonta ghal ksur unilaterali tal-kuntratt ta’ impjieg fuq imsemmi u qed jirreka danni lill-attrici.

U billi l-Awtorita` konvenuta giet interpellata inutilment biex tieqaf minn dan l-agir abbusiv u illegali fil-konfront tal-attrici.

Tghid ghaliex l-Awtorita` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-Awtorita` konvenuta hi responsabbli fil-konfront tal-attrici ghal ksur tal-kuntratt ta’ impjieg taghha fuq imsemmi (Dok A) u ghad-danni konsegwenzjali u dana ghar-ragunijiet fuq spjegati.

2. Tordna lil-attrici tigi reintegrata fil-grad taghha u fid-drittijiet ta’ Segretarja tal-Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp u dana salv kull provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi.

4. Tikkundanna lil Awtorita` konvenuta thallas dawn id-danni hekk likwidati lill-atturi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja datata 29 ta’ Gunju, 2000 u tal-protest gudizzjarju f’Settembru 2000 kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita` konvenuta** a fol. 12 tal-process fejn teccepixxi:

Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija insostenibbli stante li ma hemm l-ebda obbligu fuq min ihaddem biex izomm lill-impjegati tieghu fl-istess post li fih ikunu bdew l-impjieg taghhom.

Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma kien hemm l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ l-impjieg ta’ l-attrici.

Illi l-attrici ma hiex f’posizzjoni li titlob ir-rientegrazzjoni fil-post tax-xoghol li qed tippretendi stante li kienet hi stess talbet il-bdiel fid-dmirijiet taghha.

Illi l-Awtorita` eccipjenti ma kkawzat l-ebda danni lill attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**FATTI**

L-attrici qed taghmel dina l-kawza minhabba allegat transfer illecitu li sar mill-Awtorita’ meta dina unilaterlament biddlitilha postha fil-1999. Minn naha l-ohra l-Awtorita’ qed tissottometti li l-attrici kienet talbet hija stess biex tinghata *transfer* ghal *section* ohra. Inoltre l-Awtorita’ tallega li l-attrici kienet naqset mid-dmirijiet taghha.

**KONTESTAZZJONI**

L-attrici tirritjeni li t-tnehhija taghha minn segretarja tad DCC saritilha illegalment u bla avviz ghalkemm hija zammet l-istess *grade*. Hi tghid li sentejn qabel qalghet it-

*transfer* kienet uriet ix-xewqa li, fic-cirkostanzi li tpoggiet fihom minghajr tort taghha, kien ikun ahjar li tasal ghal ftehim biex ticcaqlaq ghal xi post iehor aktar adattat. Hi kienet qed thoss li ma tistax tkompli taqdi ir-rwol taghha shih wara li nehhewlha l'awtorita fuq is-segretarjat taghha, u ghalhemm kienet ipprotestat hadd ma kien kellimha fuq it-talba taghha. Imbaghad sentejn wara tnehhiet abbuzivament minn postha bla ebda raguni u dan meta kienet qed tiehu azzjoni industrjali ordnata mill UHM.

Minn naha l-ohra l-Awtorita' tikkonferma li l-attrici kienet talbet biex tinghata *transfer* ghal *section* ohra. Tispjega li kien qed ikollha diversi *complaints* mill persuni li kienu qed jahdmu ma l-attrici u r-relazzjoni ta' l-attrici mal-Kummissjoni ma kienitx wahda tajba u kien hemm tensjoni u *friction* ghalhekk kien gie deciz li l-attrici tigi trasferita' biex taghmel xoghol iehor fl-istess grad taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Bhala ligi kuntratt indefinitiv ma jistax jithassar hlief bil-kunsens tal-partijiet jew ghar ragunijiet maghrufin mill-ligi, u ma jistax jithassar unilaterlment. "Ir-raguni ghar-risoluzzjoni ta' kuntratt trid tkun gravi u proporzjonata ghal konsegwenzi derivanti minn tali risoluzzjoni" (Vol XL111 p2 p 805).

L-attrici qed issostni li t-*transfer* sar illegalment u bla raguni, mentri l-Awtorita' tirritjeni li t-*transfer* intalab mill-attrici u inoltre kien hemm raguni valida ghaliex sar.

Francis Tabone, is-superjur immedjat ta' l-attrici, xehdet li in kwantu ghal korrettezza ta' xogholha u dettal li tidhol fih, ftit kien hemm x'wiehed jista' jmaqdar fl-attrici. Xogholha kienet taghmlu sew u effettivament dan huwa rifless ukoll fil-*performance appraisal* taghha. Il-problema principali li kellha l-attrici kienet wahda ta' attitudini, hi kienet tfittex il-problema aktar milli s-soluzzjoni u kienet tohloq *friction* bejnha u l-istaff ta' tahtha. Dawn kienu jghidulu u ghamlu protest li ma setghux ikomplu bl-affarijiet sejrin hekk. (Ara fol 146 u 356).

Li gara imbaghad kien, kif xehed Joshua Zammit, li kien hemm request fil-passat mill-attrici biex ticcaqlaq, gie l-mument u gie mcaqilqgha. (fol 316 C) Minghalih li kien Francis Tabone li talab li l-attrici ticcaqlaq. Is-Sur Tabone kien semmilu li fil-passat l-attrici riedet ticcaqlaq. Kien hemm clash bejn in-nies li kienu jahdmu ma' l-attrici u li ma setghux ikomplu jahdmu maghha u ghaldaqstant is-Sur Tabone kien talab biex jaraw x'ser jaghmlu bis-sitwazzjoni u effettivament ittiehdet id-decizjoni li l-attrici tigi transferred.

Illi jirrizulta mill-provi li originarjament cjoe fit 18 ta' Settembru 1997 l-attrici kienet qed tillmenta dwar l-excessive overtime u li kienet qed taghmel xoghol oghla mill-grad taghha u kienet kellmet l-UHM dwar dawn l-ilmenti imma ma kinitx irceviet risposta mill-management. Imbaghad kompliet tikber it-tensjoni bejn l-attrici u l-management minhabba diversi kwistjonijiet li bdew jinholqu, fosthom is-sighat ta' overtime li kienet qed tiehu, ir-relazzjoni ta' l-attrici ma l-istaff, ix-xoghol li kien qed jinghatalha, ix-xoghol li l-management ighid li l-attrici kienet qed tirrifjuta li taghmel, l-kondizzjonijiet ta' impieg ta' l-attrici, etc, etc .(ara korrispondenza ezibta). Imbaghad fin 1999 il-kwistjoni lahqet il-kulmine meta l-attrici harget on strike u ma bdietx taghmel overtime u harbtet ix-xoghol tal-Kummissjoni. Ghalhekk ittiehdet id-decizjoni li l-attrici tigi trasferita ghal xoghol iehor fl-istess grade taghha.

Jirrizulta minn dawn il-provi prodotti li fin 1999 meta ittiehdet id-decizjoni li l-attrici tigi trasferita, dan it-transfer ma sarx bil-kunsens taghha u jew a bazi tat-talbiet taghha tan 1997 imma minhabba kwistjonijiet li kienu nghalqu sussegwentement.

Tant hu hekk li kieku vera d-decizjoni biex l-attrici tigi trasferita fin 1999 ittiehdet ghalhiex fin 1997 l-attrici kienet ghamlet talba f'dan is-sens kieku l-attrici kien jinstabilha xoghol adegwat alternativ bi ftehim maghha u bil-kunsens taghha u mhux minflok giet mibghutha f'sezzjoni ohra li ma kellha x'taqsam xejn mal-job description taghha u spiccat ma taghmel kwazi xejn ghal xi zmien, bla ufficcju ,

bla skrivanija u b'siggu li ddubbatu minn x'imkien f'rokna f'kurutur.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-transfer moghti fil- 1999 kien illegali ghax sar unilateralment u minghajr il-kunsens ta' l-attrici.

L-attrici tirritjeni li t-transfer sar minghajr raguni.

Mhux kontestat mis-superjur dirett taghha Francis Tabone li l-attrici kienet tajba fix-xoghol taghha. Victor Torpiano, Deputy Chairman, xehed li 'l-attrici kienet efficjenti hafna fix-xoghol taghha' (fol 127); Joseph Falzon, ex Chairman, xehed 'ix-xoghol taghha kien sodisfacjenti u kien kuntent b'dak li kienet taghmel' u 'Ix-xoghol dejjem sar u sar fil-hin' (fol 124/5).

Inotre jirrizulta li meta l-attrici giet trasferita, ix-xoghol li kienet taghmel qabel inghata lill *assistant secretary*, li sussegwentement lahqet segretarja. Dan gie konfermat minn Joe Grillo , Segretarju UHM fit-taqsima parastatali, li qal li-Management kien qallu li l-post ta' segretarja DCC kien ser jigi abolit izda wara, minflok l-attrici fil-post taghha, dahal haddiehor.

Victor Torpiano a fol 127 xehed li meta l-attrici giet *transferred* dahal xi haddiehor minn flokha u dan immedjatament warajha, affari ta' granet. L-istess qal Joshua Zammit li xehed li meta spiccat l-attrici kienet saret sejha u l-post imtela. Il-post ma kienx gie abolit imma gie mimli (ara fol 326B).

L-awtorita' tirritjeni li kien hemm ragunijiet bizzejjed ghaliex inghata t-*transfer*. Huma jsemmu t-tgergir fuq il-post tax-xoghol u l-attitudini ta' l-attrici li gieghlithom jiehdu l-passi li hadu.

*Il-Qorti tikkonkludi fuq dana l-punt li jirrizulta li miz-zewg nahat kien hemm ragunijiet li waslu ghad-decizjoni li ttiehdet u ghalhekk ma jistax jinghad li d-decizjoni ttiehdet bla raguni. Izda xorta wahda jibqa' l-fatt li t-transfer sar illegalment ghax sar unilateralment u minghajr kunsens ta'*

*l-attrici. L-attrici lanqas ma nghatat xi tip ta' warning qabel ma ttiehdet dina d-decizjoni drastika. In-nuqqas ta' komunikazzjoni proprja bejn il-partijiet wassal ghall impasse u eventwalment ghad-decizjoni li ttiehdet.*

Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Dwar it-tieni talba l-Qorti hi tal-fehma li dina ma tistax tintlaqa' billi ma hemm l-ebda obbligu fuq min ihaddem biex izomm lill-impjegati tieghu fl-istess post li fih ikun beda l-impjieg tieghu ghal dejjem. Ghalkemm l-attrici giet impjegata bhala Secretary, DCC, meta giet *transferred* hija inghatat xoghol ta' l-istess tip, cjoe ta' segretarja, ghalkemm mhux ma l-istess bord.

**DANNI**

L-attrici ipprezentat prospett dwar id-danni reklamati (ara fol 163) ma' l-affidavit taghha. Dwar salarju hi xehdet li bhala *basic pay* hi ghadha tiehu l-istess. Izda qed tippretendi li qabel it-transfer is-salarju kien il-massimu ta' grade 6 izda llum x-xoghol ta' segretarja DCC gie upgraded ghal grade 7 u ghalhekk talbet id-differenza fil-paga.

Fuq dina l-pretenzjoni Francis Tabone xehed li l-attrici kienet *grade* 6 u ghadha *grade* 6. Ix-xoghol ta' segretarja DCC qatt ma gie *upgraded* ghal grade 7 kif hemm fl-affidavit ta' l-attrici (ara fol 345). Skond Tabone l-persuna li qed tokkupa illum dan il-post ghadha *grade* 6 jigifieri t-talba ghad-differenza tal-paga bejn *grade* 6 u *grade* 7 ma treggiex ghax m'hiex realta'.

Il-Qorti wara li rat d-dokumenti ezibiti tiddeciedi li l-attrici ma gabitx prova li effettivament sar tibdil fil-*grade* ta' segretarja DCC u x-xhieda ta' Tabone bl'ebda mod ma giet kontradetta.

Dwar l-*overtime* qabel it-*transfer*, l-attrici qed tirritjeni li hija m'ghadiex taghmel *overtime* u qabel kienet taghmel mal-129 siegha. Il-konvenuti qed jikkontestaw li l-attrici kienet intitolata ghal dak l-*overtime* kollhu u li ma kienx hemm

kontroll fuq l-*overtime* li kien qed isir. Tabone xehed li kienet l-attrici stess li tiddetermina kemm kellha tiehu *overtime*. Joe Grillo, ghall UHM, xehed li l-*overtime* huwa prerogattiv tal-*management*, **mhux dritt u ma jaghmilx parti mill-**paga.

Il-Qorti hi tal-fehma li billi l-attrici giet trasferita illegalment hi se tbati mill fatt li naqsitilha l-opportunita' li taghmel *overtime*, ghalhekk hi ntitolata ghal xi tip ta' kumpens ghalkemm mhux ghall-*overtime* kollu li qed tippretendi.

Kwantu ghall beneficcji ohra Kevin Portelli xehed li beneficcji specifici ghal post ta' segretarja DCC m'hemmx. Kull m'hemm hu beneficcju generiku li huwa l-*health scheme*, haga li tapplika ghall kull impjegat.

Dwar *company car*, Francis Tabone xehed li Segretarja DCC m'ghandiex company car.  L-attrici kienet issuq il-karozza tad-*deputy chairman* (ara korrispondenza fol 54).

Kwantu ghall *Performance Bonus* jirrizulta li l-ahhar *performance assessment* sar f'Lulju 2000 (ara fol 326 E) u ghalhekk l-attrici ma thallsitx il-*performance bonus* relattiv. Francis Tabone xehed li l-attrici qed tikkljemja l-*maximum*, meta fil-fatt l-attrici kellha 70% bhala *performance* cjoe li hi ma kienitx minn ta' fuq fil-*performance*.

Il-Qorti ghalhekk se tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' danni li ghandu jithallas lill attrici invista ta' l-akkoljiment ta' l-ewwel talba, u in vista ta' danni sofferti kwantu ghall nuqqas ta' ghoti ta' *performance bonus* u *overtime*, fl-ammont ta' Lm1,000.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-tieni talba
Tilqa' t-talbiet rimanenti
U tikkundanna lill konvenuti

Ihallsu lill attrici s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) in linja ta’ danni li qed jigu likwidati *arbitrio boni viri*;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------